MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2010

Rikors Numru. 109/2006/1

**Grazio Lia (ID 552421M) f'ismu u bhala uzufruttwarju tal-mejta martu Maria**

**vs**

**John Psaila**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur :

Illi huwa jikri lill-intimat il-garage numru 49 Tirq ic-Cuqlana Zabbar u dan bil-kera ta' Lm50 kull tlett xhur bil-quddiem, l-ewwel skadenza fl-1 ta' Jannar 2007, ghalkemm l-intimat gieli hallas aktar bil-quddiem;

Illi l-esponent ghandu bzonn il-garage ghall-uzu personali u fit-tieni lok l-intimat qed jaghmel uzu divers tal-fond, kif jigi ppruvat;

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett li dan il-Bord jawtorizza r-ripreza tal-fond fuq imsemmi ghar-ragunijiet premessi, u jigi ffissat zmien qasir u perentorju lill-intimat halli jizgombra mill-istess fond;

Ra r-rispost tal-intimat li tghid:

Illi l-esponenti ghandu zewg vetturi li jipparkjahom fil-garaxx de quo;

Illi l-esponneti ma ghandux garaxxijiet ohra;

Illi l-attru ghandu garaxxijiet ohrajn apparti l-garaxx de quo, uhud minnhom vojta;

Illi l-esponenti dejjem utilizza l-garaxx de quo sabiex jipparkja z-zewg karozzi tieghu u dejjem ottempra ruhu mad-dettami tal-ligi;

Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes;

Ra l-ammissjoni tal-intimat kif registrata fil-verbal tas-seduta tal-lum kif ukoll il-qbil bejn il-partijiet li l-intimat jinghata sa zmien l-ahhar ta’ Dicembru ta’ din is-sena biex jizgombra mill-fond;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ghal dawn il-motivi, l-Bord jilqa’ t-talba tar-rikorrenti u jawtorizzah jirriprendi l-fond garage 49, Triq ic-Cuqlana, Zabbar wara il-31 ta’ Dicembru 2010 wara liema data l-intimat ghandu jhalli l-istess fond vakanti ghal-libera ripresa mir-rikorrenti;

Fic-cirkostanzi, l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------